MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 405/2011

Dunstan Williams (Id. 102779M).

Vs

Mary Ciantar (Id. 647658M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur eppremetta illi fis-6 ta' Mejju 2010 sar kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu bejn il-kontendenti; illi dan il-kuntratt jghid li l-konvenuta hija debitrici ta' l-attur ghas-somma ta' elfejn, erba mija u tletin Ewro (€2,430) pagabbli b'rata ta' hamsa u ghoxrin Ewro (€25) kull xahar sa mill-bidu ta' Gunju 2010; illi dawn il-pagamenti baqghu ma sarux u ghalhekk il-konvenuta baqghet inadempjenti; ghaldaqstant l-attur qed jitlob li dan it-Tribunal jordna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' elfejn, erba mija u tletin Ewro (€2,430) oltre l-imghax u l-ispejjes.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Gunju 2011 fejn dehret l-konvenuta Mary Ciantar u ammettiet t-talba attrici kif dedotta kontra taghha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa’ t-talba tal-attur u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta’ elfejn, erba mija u tletin ewro (€2,430), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill- konvenuta.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------